

# Programm t'Attivitajiet

*organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur ta'*

# Marija Bambina

*Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa 2022*

### Il-Ġimgħa 26 t'Awwissu 2022

**8.00p.m.** Barbecue f'Misraħ il-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor, kif ukoll diversi mistednin speċjali.

### Il-Ħadd 28 t'Awwissu 2022

**6.00p.m.** Tombla speċjali organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial.

### It-Tnejn 29 t'Awwissu 2022

**7.30p.m.** Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### It-Tlieta 30 t'Awwissu 2022

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina.

### L-Erbgħa 31 t'Awwissu 2022

**6.30p.m.** L-Għaqda Mużikali Imperial tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

**8.00p.m.** Riċeviment fil-każin għall-membri tal-kumitati, bandisti, u membri tal-kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

### Il-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2022

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-sala tal-każin.

### Il-Ħadd 4 ta' Settembru 2022

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, jgħaddi minn Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## It-Tnejn 5 ta' Settembru 2022

**7.45p.m.** Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li jibda minn Triq Qasam Barrani, jgħaddi minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## It-Tlieta 6 ta' Settembru 2022

**7.45p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Mitħna l-Qadima, jgħaddi minn Triq San Ġużepp, Triq Franġisk Żahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## L-Erbgħa 7 ta' Settembru 2022

**7.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**8.30p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-innu-marċ popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-innu tal-banda.

## Il-Ħamis 8 ta' Settembru 2022

**6.00p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq il-Parroċċa sa Misraħ il-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin Imperial.

## Il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2022

**10.00a.m.** Għax-xalata tal-għada tal-festa, il-Kummissjoni Żgħażagħ se torganizza mawra bid-dgħajsa mill-Għadira sax-xatt tal-Birgu u lura. Ikun hemm briju organizzat mill-istess kummissjoni tul il-vjaġġ.






one80.com.mt

Multiple Destinations, Unique Experiences.

one80 KITCHEN • LOUNGE MELLIEĦA

one80 KITCHEN AT MGARR YACHT MARINA, GOZO

IX-XATT AT one80

MĠARR MARINA YACHT CLUB BY one80